MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 234/2013

Il-Pulizija

vs

**Adrian Borg**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 374181(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Adrian Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' BORVIN ALUMINIUM LIMITED u/jew bhala bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont l-att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il- Valur Mizjud (Art Nru. XXIII ta' 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat- Taxxa fuq il- Valur Mizjud (10) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodu li ntemmu fil-31 ta' Dicembru, 2008 sat-30 ta' Settembru, 2010 u fil-31 ta' Marzu, 2011 sat-30 ta' Gunju, 2011 u dan bi ksur ta' l-artikoli 27, 66 u 76 (c) ta' l-Att XXIII ta' 1-1998.

Il-Qorti giet mitluba li fil-kaz ta’ htija minbarra li tinfligi l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex jkun jista' jaghmel dan, liema zmien m’ghandhux jeccedi tlett xhur taht multa ta’ mhux anqas minn €5 u mhux aktar minn

€20 ghal kull jum li dak in-nuqqas jkompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 27, 76(c) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€ 900.00).

Il-Qorti, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien tlett xhur mil-lum jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Adrian Borg minnu pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., tas-16 ta' Mejju, 2013 billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skont il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

(1) Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li l-appellant ma kienx regolari fid-denunzji tieghu. Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza li l-appellant kien dahal fi skema u kien ghamel l-ewwel pagament izda ma onorax il-bilanc minhabba li kellu bzonn aktar zmien sabiex jaghmel il-hlas kollu.

**(2)** Illi l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza wkoll il-fatt li l-appellant ghandu bzonn iz-zmien sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu u ghalhekk il-piena ta' €15 ghal kull jum li jkun tardiv fil-hlas hija eccessiva meta l-ligi tikkontempla li tista tkun ta' €5 ghal kull gurnata li l-appellant jista' jkun inadempjenti.

**(3)** Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria**:[1]
*"...che il fine delle pene non e' di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso...,"*

L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti taghmel referenza ghall-Att numru 14 tas-sena 2013 minn fejn jirrizulta li l-multa 'per diem' a bazi tal-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta giet revokata u ghalhekk l-appellant hu mehlus minn dak l-obbligu.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi jidher car li l-ewwel Qorti ragonevolment u legalment waslet ghall-konkluzjoni korretta u il-multa nflitta kienet fil-parametri tal-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant Adrian Borg gie kkundannat ihallas il-multa ta' disa' mitt euro (€900). A bazi ta' dak li ntqal fuq thassar u tirrevoka s-sanzjoni mposta a bazi ta' l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------